11 ta' April, 1995

**Imħallfin:-**

**Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Dr. Noel V. Arrigo LL.D.**

Rose Anne Galea

*versus*

L-Onoveroli Prim Ministru *et*

**Bord ta' Inkjesta - Dixxiplina - Bord ta' - Impjegat tal-Gvern - Uffiċjal Pubbliku - Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku - Smiegħ Xieraq - Ġustizzja Naturali - Tribunal Indipendenti**

## u Imparzjali - Diskriminazzjoni

*Ir-rikorrenti kienet uffiċjal pubbliku fl-impieg tal-Gvern. Wara li kienet nżammet Bord ta' Inkjesta, ġie kostitwit Bord ta' Dixxiplina biex jittieħdu proċeduri dixxiplinari kontra r-rikorrenti. Ir-rikorrenti allegat ksur tad-drittijiet tagħha fundamentali fis-sens li ma kinitx qegħda tingħata smiegħ xieraq u kienet vittma ta' diskriminazzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u din issa appellat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Bord ta' Inkjesta ma huwiex tribunal għall-finijiet ta' l-eserċizzju tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq meta jkun kostitwit taħt l-artikolu 3 tal-Kapitolu 273, billi hawn il-funzjoni tal-Bord hija purament investigattiva. Pero' skond l-artikolu 4 ta' l-istess Att dak il-Bord jista jingħata funzjonijiet oħra; f'dan il-każ ingħata wkoll l-inkarigu li jiddeċiedi kienx hemm nuqqas da parti ta' l-impjegata. B'dan il-mod il-Bord kellu jiġi meqjus bħala tribunal għall-fini ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Pero', biex l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni japplikaw, d-drittijiet u obbligi involuti quddiem il-Bord jridu jkunu ta' natura ċivili jew kriminali. F'dan il-każ id-deċiżjoni tal-Bord ta' Inkjesta kienet waħda ta' natura amministrattiva u għalhekk l-artikoli inkwistjoni ma kinux applikabbli.*

*Il-Qorti rritjenit ukoll li ma kinitx tirriżulta diskriminazzjoni għaliex kien jonqos is-sottostrat ta' fatt neċessarju għal dan. Il-Qorti ddistingwiet id-diskriminazzjoni kif projbita fil-Konvenzjoni minn dik kontemplata fil-Kostituzzjoni. Il-Qorti osservat li n-nuqqas ta' awtorita pubblika li tieħu passi dixxiplinari kontra xi wħud tista' fil-kawżi kongruwi tammonta għal diskriminazzjoni. Pero' f'dan il-każ kien jonqos l-element ta' paragun bejn sitwazzjonijiet realment simili.*

Il-Qorti:-

Dan il-proċess ġie konkluż fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1993 u dik is-sentenza sa tiġi riprodotta fil-partijiet essenzjali tagħha, b'dan il-mod:

"*Qabel ma tgħaddi biex teżamina l-meritu tat-talbiet tar-*rikorrenti, hu essenzjali li jiġu puntwalizzati b'mod preċiż it-termini tar-rikors promotru u x'inhuma ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ilment tar-rikorrenti illi d-drittijiet fundamentali umani tagħha qed jiġu mhedda jew addirittura vjolati. Dan għaliex fil-furja tat-trattazzjoni orali u skritta maż-żmien u fil-volum kbir ta' dokumenti u provi, mhux diffiċli li wieħed jiġi żvijat minn dak li hu l-pern u l-qofol tal-kwistjoni;

Ġie stabbilit illi:

A- *Iċ-ċirkostanzi li taw lok għal dan ir-rikors jemanu* **mill-ħatra u mill-kondotta** ta' Bord ta' Inkjesta maħtur mill-Ministru tas-Saħħa in forza tad-disposizzjonijiet ta' l-Att XIX ta' l-1977;

B- Ir-rikorrenti kienet allura *Administrative Nurse* III fil-kariga ta' *Acting Matron* fl-Isptar Craig, Għawdex, u l-Bord ta' Inkjesta ġie nominat, speċifikament biex jinvestiga allegazzjonijiet magħmula, ...., dwar il-kondotta ta' Miss Rose Anne Galea, *Administrative Nurse*, ....;

Ċ- Il-Bord ta' Inkjesta temm l-inkarigu tiegħu u rrapporta lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern fit-3 ta' Novembru, 1987. Fil-konklużjoni l-Bord iddikjara li iħossu li ġie pprovat sodisfaċentement li r-rikorrenti kienet għamlet diversi

irregolaritajiet, li ma hemmx għalfejn f'dan l-istadju jiġu reġistrati;

D- Bħala riżultat ta' dan ir-rapport, it-Tabib Ewlieni tal-Gvern kiteb lir-rikorrenti fis-16 ta' Novembru, 1987 fejn infurmaha bil-*findings* tal-Bord ta' Inkjesta - bagħtilha *charge sheet* li hi bbażata fuq dawn il-konklużjonijiet - u taħa terminu ta' għaxart ijiem biex, "tiddikjara bil-miktub x'raġunijiet għandek biex tiskolpa ruħek";

E- Sussegwentement ġie nominat Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku skond ir-Regolamenti ta' l-1977 tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), u dana biex jieħu konjizzjoni taċ-*charges* magħmula kontra r-rikorrenti mill-Kap ta' Dipartiment tagħha. Dan ir-rikors infatti għandu bħala mira prinċipali tiegħu - u dan qed jintalab bħala rimedju speċifiku għall-allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti - l-inibizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina milli jissokta li jieħu proċeduri ulterjuri kontra r-rikorrenti. Għan dan li apparentement ġie milħuq fil-prattika għal dawn l-aħħar sitt snin;

L-ilment prinċipali tar-rikorrenti rrigwarda t-twaqqif u l-operat tal-Bord ta' Inkjesta. Hi tissottometti, "li la huwa indipendenti u lanqas imparzjali", u dan jivvjola l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja - allura ġa nkorporata fil-korp leġislattiv Malti bl-Att Numru XIV ta' l-1987. Tilmenta illi fil-proċedura quddiem dan il-Bord ta' Inkjesta ma ġewx osservati prinċipji elementari ta' ġustizzja naturali, ukoll sanċiti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni għall-protezzjoni ta' l-akkużat, u biex jiġi assigurat smiegħ xieraq egħluq żmien raġonevoli minn Qorti ndipendenti u mparzjali skond il-liġi. Dan in vjolazzjoni ta' diversi disposizzjonijiet fis-subinċiżi għall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' l-istess Konvenzjoni;

Dan l-aspett ta' l-ilment tar-rikorrenti huwa manifestament insostenibbli għal dawn ir-raġunijiet:

1- Il-Bord ta' Inkjesta ġie maħtur mill-Ministru tas-Saħħa fit-termini ta' l-Att dwar l-Inkjesti (Kap.273). Dan il-Bord kellu l-inkarigu li jmexxi "inkjesta" li fl-Att hi definita bħala, "kull stħarriġ jew eżami ieħor tal-fatti jew ċirkostanzi ta' każ". Dawn il-fatti jew ċirkostanzi fil-każ in eżami kienu jirrigwardaw veru l-imġieba tar-rikorenti li kienet "uffiċjal pubbliku", u bħala tali koperta fit-termini ta' l-artikolu 3(a) ta' l-istess Att;

2- Il-Bord ta' Inkjesta għandu għalhekk biss funzjoni nvestigattiva limitata għall-ġbir tal-fatti u biex jaċċerta ċ-ċirkostanzi rigward eventi jew aġir li jinteressaw uffiċjal pubbliku, fatti li ma huma bl-ebda mod konklussivi, u jibqgħu soġġetti għall-iskrutinju u approfondiment fi proċeduri deċiżjonali quddiem organu jew tribunal vestit b'dawn il-poteri. Ma hemm l-ebda persuna ndizjata jew akkużata quddiem il-Bord ta' Inkjesta. Irrispettivament minn kull opinjoni li l-Bord ta' Inkjesta jasal biex jifforma mill-fatti li jirriżultawlu, din l-opinjoni ma torbot lil ħadd lanqas lill-awtorita' li kkostitwietu fl-ewwel lok. *Multo magis* ma tolqotx lill-persuna li l-aġir tagħha jkun qiegħed jiġi nvestigat li għandha d-drittijiet Kostituzzjonali tagħha għal kollox bla mittiefsa u salvagwardati;

3- L-uniku nvolviment f'dan l-istadju li jista' jinteressa lir-rikorrenti bħala uffiċjal pubbliku li l-aġir tagħha kien qed jiġi *indagat*, hu jekk hi tiġi msejħa mill-Bord ta' Inkjesta biex tixhed quddiemu. Jirriżulta mir-rapport ta' l-Inkjesta illi r-rikorrenti nfatti, "bil-ġurament tagħha ċaħdet kull akkuża miġjuba kontriha għalkemm qalet li ma hi miġġielda ma' ħadd". Anke f'dan ir-rigward l-Att dwar l-Inkjesti jipprovdi espressament garanziji li jagħtu

protezzjoni adegwata tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu; "Ebda persuna li tixhed quddiem Bord ma tista' tkun imġiegħla li *tinkrimina lilha nnfisha u kull persuna bħal dik ikollha dwar kull* xhieda tagħha quddiem il-Bord, l-istess privileġġi li għandu xhud li jixhed quddiem il-Qorti";

4- Dan kollu juri illi - apparti l-kwistjoni dibattuta fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti taħt ċertu aspett inutilment - jekk l-aġir tar-rikorrenti jikkostitwixxi *a civil or a criminal right and obligation* - il-punt kardinali jibqa' li l-Bord ta' Inkjesta ma jiddeċiedi u jiddetermina xejn fil-konfront u in kontestazzjoni mar-rikorrenti. Jonqos allura dan l-element essenzjali biex tiskatta l-protezzjoni provduta għal drittijiet fundamentali mill-Kostituzzjoni u l-*Konvenzjoni fir-rigward ta' smiegħ xieraq*. Il-Bord ta' Inkjesta la hu tribunal li jiddeċiedi u lanqas Qorti;

5- Dan joħroġ b'mod ċar mill-fatt li l-proċeduri ta' dixxiplina inizjati kontra r-rikorrenti bdew bin-notifika lilha taċ-*charge sheet* mill-Kap tad-Dipartiment għall-konsiderazzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku kif provdut fl-istess Kostituzzjoni. Hu minn dan il-mument 'il quddiem li r-rikorrenti tista' tgħid li qed tiġi soġġettata għall-proċeduri quddiem organu li jista' jiddeċiedi xi ħaġa fil-konfront tagħha. Hu f'dan il-proċeduri, li fil-fatt baqgħu ma bdewx, u li r-rikorrenti qegħda titlob *il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex ma jibdewx*, illi jsir rilevanti d-diskors dwar l-estensjoni tal-protezzjoni Kostituzzjonali illi uffiċjal pubbliku nvolut jista' jesiġi biex jassigura smiegħ xieraq. Hu biss f'dan il-forum li jittieħdu deċiżjonijiet vinkolanti, u li l-persuna nvoluta tista' u għandha l-opportunita` li tipprofessa l-innoċenza tagħha u tiddefendiha;

It-talba tar-rikorrenti in kwantu diretta biex tissindika l-operat tal-Bord ta' Inkjesta hi għalhekk insostenibbli;

Ir-rikorrenti tilmenta wkoll illi ma ttieħdet, "ebda azzjoni kontra persuni ta' twemmin politiku differenti minn tar-rikorrenti, li kkommettew vjolazzjonijiet tal-kundizzjonijiet tax-xogħol mas-Servizz Pubbliku f'dak li jirrigwarda attivitajiet politiċi waqt il-ħin tax-xogħol f'dipartimenti governattivi". Issostni li dan imur kontra l-artikolu 45(1), (2) u (3) tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikoli 9, 10, 11 u 14 tal-Konvenzjoni;

Il-Qorti tirraviża kontradizzjoni fl-atteġġjament tar-rikorrenti. Min-naħa l-waħda hi ssostni illi l-operat tal-Bord ta' Inkjesta kien preġudizzjevoli għaliha in kwantu addirittura addebitalha fatti li setgħu jesponuha għal proċeduri kriminali għax kienu jirravviżaw l-estremi ta' reati, waqt li min-naħa l-oħra tikkwalifika bħala sempliċi, "vjolazzjonijiet tal-kundizzjonijiet tax-xogħol", l-addebiti li saru fil-konfront tagħha. Ċertament il-Qorti m'għandhiex tifhem illi r-rikorrenti tippretendi li ma għandhomx jittieħdu proċeduri kontra uffiċjal pubbliku li hu allegat illi kkommetta reat, jew li l-fatt li tipproċedi kontra uffiċjal u mhux ieħor fl-istess ċirkostanzi kriminużi, jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra l-ewwel uffiċjal. Hu ovvju li f'sitwazzjoni simili l-amministrazzjoni tkun biss qed tonqos minn dmirha gravement jekk ma tipproċedix kontra kull uffiċjal pubbliku li jkun suspett li kkommetta reat. Nuqqas illi jkun b'aktar minn mod wieħed azzjonabbli u sanzjonabbli. Ir-rikorrenti għalhekk ma tista' taħt l-ebda aspett tavvanza l-ilment ta' diskriminazzjoni jekk il-fatti li ġew lilha addebitati - indipendentement mill-ħtija jew innoċenza tagħha li trid tiġi stabbilita permezz tal-proċeduri kontemplati fil-liġi - jikkostitwixxu oġġettivament vjolazzjoni tad-doveri tagħha. L-amministrazzjoni għandha d-dmir li taġixxi biex tivverifika l-fatti u tiddixxiplina l-

uffiċjal pubbliku u tkun qed tonqos minn dmirha jekk ma tagħmilx hekk;

A skans ta' kull ekwivoku, il-Qorti ma hijiex qed tgħid illi r-rikorrenti ma kinitx vittma ta' *harassment* minħabba l-konvizzjonijiet politiċi tagħha, li ma kienx hemm persuni nvoluti fiċ-ċirkostanzi tal-każ li setgħu kienu politikament motivati, li anke setgħu marru oltre dak li kien minnhom mistenni bil-liġi u li anke setgħu abbużaw mill-posizzjoni u poteri tal-karigi tagħhom. Dan kollu pero` r-rikorrenti għandha l-opportunita` li tivventilah u tipprovah quddiem it-Tribunal kompetenti biex jinvestiga l-aġir tagħha u jiġġudikah, in kwantu jista' jkollu rifless dirett jew indirett fuq l-innoċenza jew ħtija tagħha. Hu ċar pero` li mhux kull abbuż amministrattiv jiskolpa l-ħtija jew jagħti lok għal rimedju kostituzzjonali. Ċertament mhux fit-termini ta' diskriminazzjoni politika kif impustata mir-rikorrenti;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi r-rikors billi tiddikjara li r-rikorrenti ma pprovatx il-premessa tat-talba tagħha li hi sofriet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti mill-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropeja fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw provati, u konsegwentement tiċħad it-talba tagħha;

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti;

Ir-rikorrenti appellat u appellaw inċidentalment l-intimati kollha barra ċ-*Chairman* u l-membri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ċ-*Chairman* u l-Bord ta' Dixxiplina ta' l-istess Kummissjoni. L-appell inċidentali sar unikament fuq il-kap ta' l-ispejjeż;

L-appellanti ssottomettiet illi l-Bord ta' Inkjesta li għalih hija ġiet assoġġettata ma jistax ma jissejjaħx *judicial* jew almenu *quasi-judicial*, u għalhekk, kontra dak li qalet is-sentenza, dak il-Bord għandu jkollu l-karatteristiċi neċessarji li jitolbu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u għandu jaġixxi skond il-prinċipji ta' dawk l-istatuti bażilari;

Fuq dan il-punt, huwa l-ewwel nett utli li jiġu kwotati kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni:

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, jipprovdi hekk:

"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu .... jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi;

(2) Kull Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali";

*L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, imbagħad, jiddisponi illi:*

*"1. In the determination of his civil rights and obligations or if any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law"*;

Minn eżami ta' dak li hemm fil-liġi kostituttiva - Kap. 273 - l-Att dwar l-Inkjesti, ma jidhirx li l-Bord ta' Inkjesta li jiġi nominat biex jinvestiga biss l-allegazzjonijiet kontra xi persuna - jikkwalifka bħala tribunal jew Qorti, sakemm hija ma tkunx akkużata b'reat

kriminali li tiegħu l-Bord seta' b'xi mod isibha ħatja u jikkundannha (artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni) u lanqas ma jkollu l-kompetenza, l-istess Bord, li jistabbilixxi l-eżistenza jew estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' dik il-persuna (artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni);

Il-Bord li għalih ġiet sottomessa r-rikorrenti kien ġie nominat skond dak li hemm provdut fil-Kap. 273 - Att dwar l-Inkjesti;

L-artikolu 3 jiddikjara li l-Att għandu japplika għal kull Bord maħtur jew awtorizzat b'xi liġi:

"biex imexxi inkjesta jew inkjesti dwar xi ħaġa minn dan li ġej";

u allura, sakemm il-Bord jiżvolġi biss kompetenza investigattiva għar-rigward ta' l-allegazzjonijet kontra r-rikorrenti, ma jistax jingħad li l-Bord jikkwalifika bħala tribunal jew Qorti fis-sens tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

Dan il-kawdru jinbidel, pero', malli jintuża l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att li jgħid:

"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kull Bord maħtur skond dan l-Att għandu jaqdi dawk il-funzjonijiet u dmirijiet oħra u b'dak il-mod u f'dak iż-żmien, li jiġu speċifikati fid-dokument li jaħtru";

B'dan is-subinċiż il-funzjonijiet u dmirijiet tal-Bord ma baqgħux limitati għal dawk li huma neċessarji għall-attivita' investigattiva, imma ġew estiżi għal funzjonijiet u dmirijiet oħra, kif dawn jiġu stabbiliti fin-nomina li tikkostitwixxi l-Bord;

Issa skond id-dokument TA3 - fotokopja ta' nomina tal-Bord in kwistjoni, datat 21 ta' Lulju, 1987 (fol. 62), jingħad:

*"The Board's terms of reference shall be:*

*1. to inquire fully into the allegations made in the above-mentioned report;*

*2. to determine whether the said allegations can be confirmed or otherwise;*

*3. if in the affirmative, to **establish** whether the public officer concerned has, in fact, committed the alleged abuses and irregularities";*

It-tieni u t-tielet minn dawn hekk imsejħa *terms of reference* jikkonferixxu lill-Bord poteri deċiżjonali u l-istess, għalhekk ma jistax jingħad li kellu l-funzjoni tiegħu limitata biss għall-investigazzjoni, bir-riżultat li l-istess Bord allura għandu jitqies li kien "tribunal" għall-finijiet ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u "awtorita` ġudikanti" għall-finijiet ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni;

Stabbiliti l-funzjonijet tal-Bord bħala investigattivi u deċiżjonali jrid pero` jiġu wkoll stabbiliti l-iskopijiet ta' dik l-investigazzjoni u ta' dawk id-deċiżjonijiet;

Għall-iskopijiet ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni l-garanziji tagħha għandhom japplikaw żgur u dejjem meta dik l-awtorita` ġudikanti - fil-każ preżenti, il-Bord - bid-deċiżjoni tagħha tkun se tistabbilixxi jew tiddikjara" l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet

jew obbligi ċivili";

Dak li effettivament għamel il-Bord huwa li ġabar il-provi fuq l-inċident u l-allegazzjonijet li kienu saru u ddeċieda jekk, minn dawk il-provi, kinitx "responsabbli" ir-rikorrenti. Dik ir-responsabbilta' kienet ċirkoskritta għal dawk id-doveri li r-rikorrenti kellha bħala uffiċjal pubbliku jiġfieri doveri hekk imsejħa amministrattivi li huma naturalment distinti mill-obbligi ġenerali taċ-ċittadini komuni fis-soċjeta';

Minn din l-istampa tal-posizzjoni li tolqot bil-liġi u bil-kompetenza konferita mill-Amministrazzjoni toħroġ u tirriżulta sitwazzjoni ibrida, espressjoni ta' kultura ġuridika pre-kostituzzjonali u pre-konvenzjonali, anzi, jista' jingħad, addirittura, storikament mibnija fuq konċetti kostituzzjonal-amministrattivi tas-seklu l-ieħor;

Din hija sitwazzjoni ġurdikament perikoluża - mill-*punto di vista* kostituzzjonal-konvenzjonali, billi fuq dan l-isfond llum iridu jitqegħdu u jitfissru l-liġijiet kollha;

Difatti l-aħħar żewġ konklużjonijiet li wasal għalihom il-Bord - dokument TA7 fol. 58 hemm:

"4. Ittrattat b'mod mhux etiku mal-pazjenta Marianna Curmi u vvintat akkuża mill-Ministeru kontra Curmi.

5. Issuġġeriet lil Mikiel Zammit, il-*mechanic* li kien jieħu ħsieb il-karrozza ta' Marianna Curmi biex jagħmel ħsara lill-karrozza";

Il-konklużjoni numru 4 għandha hija waħda ta' natura mħallta fejn pero` jipprevali l-element dixxiplinari - amministrattiv fuq l-element kriminali, u allura tista' tgħaddi, waqt li l-konklużjoni 5 fl-istess aspett imħallat, jipprevali l-aspett kriminali fuq dak amministrattiv, u allura, din titlob il-garanziji. Naturalment, huwa għal kollox irrilevanti li dik "id-deċiżjoni" m'hijiex finali, kif m'humiex il-maġġoranza l-kbira tad-deċiżjonijiet, ħlief dawk tal-Qrati li għandhom ġurisdizzjonali suprema jew finali;

Din l-aħħar konklużjoni għalhekk titlob eżami ta' "akkuża b'reat kriminali" (Kostituzzjoni artikolu 39(1)) u ta' *any criminal charge* (Konvenzjoni artikolu 6.1);

Fil-każ ta' Öztürk, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti segwiet dak li kien diġa` minnha deċiż fil-każ ta' Engel u oħrajn (Vol. 22 Series A) fejn stabbilit ċerti kriterji li huma rilevanti għat-tifsira ta' *criminal charge* għalkemm f'dak il-każ ta' Engel u l-oħrajn dawn kienu suldati fl-armata olandiża, il-Qorti qalet:

"*Hence the Court must specify, <u>limiting itself to the sphere of military service</u>, how it will determine whether a given charge vested by the State in question - as in the present case - with a disciplinary character nonetheless counts as criminal within the meaning of article 6*" (Series A. vol. 22 p.34/35 para. 82);

F'Öztürk għalhekk dawk il-kriterji ġew miġbura konċiżament hekk:

"*whether or not the text defining the offence in issue belongs, according to the legal system of the respondent State, to criminal law; next, the nature of the offence and finally the nature and degree*

*of severity of the penalty that the person concerned risked incurring.*" (Series A. Vol. 75 p.18 para. 58);

Ebda waħda mit-tlett elementi ma jinstabu fir-raba konsiderazzjoni tal-Bord waqt li l-ħames waħda, għandha żgur nieqes it-tielet element għaliex ma timporta ebda severita` fil-piena, anke jekk, per abbondanza, jiġu konċessi l-ewwel żewġ elementi; u dan naturalment wara li jsir, jekk issir akkuża bir-reat kriminali li jista' jiġi ravviżat f'dawk il-fatti;

Il-Qorti għalhekk, in konklużjoni, anke jekk jinqabeż l-ostakolu sostanzjali li l-Bord jiddeċiedi biss fuq in-ness bejn il-prova u r-rikorrenti, u ma jmurx oltre dan, xorta waħda pero` minħabba l-materja u n-natura tar-riżultanzi li wasal għalihom il-Bord, tasal għall-konklużjoni li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikawx għall-każ;

Huwa biżżejjed magħruf illi n-nuqqas tad-diskriminazzjoni garantita mill-Konvenzjoni hija prattikament l-esklużjoni ta' ċerti differenzi bejn persuna u oħra, bħala raġuni diskriminatorja pożittiva, fil-konfront tad-drittijiet fundamentali garantiti. Din il-kwalita` ta' norma għalhekk fir-realta` tikkostitwixxi aggravju għal xi vjolazzjoni riskontrata fuq xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-Konvenzjoni. L-applikazzjoni ta' dan l-artikolu għalhekk m'hijiex indipendenti u awtonoma minn drittijiet oħra u l-artikolu 14 jimplika li għandu jiġi abbinat ma' xi vjolazzjoni ta' xi artikolu ieħor;

"*The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other*

*opinion, national or social origin, association with a natural minority, property, with or other status";*

B'kuntrast, il-Kostituzzjoni tagħna, tiggarantixxi trattament non-diskriminatorju b'mod aktar speċifiku, awtonomu u indipendenti minn drittijiet u libertajiet oħra. Hawnhekk hija d-diskriminazzjoni fiha nnfisha, li hija konsiderata bħala vjolazzjoni u allura m'hemmx bżonn li ssir referenza għal xi dritt jew liberta' fundamentali ieħor; m'hemmx bżonn ta' abbinament ta' żewġ *normi* li jiggarantixxu drittijiet fundamentali;

Dak li huwa pero` nieqes fil-każ preżenti huwa s-sottostratt tal-fatti. Id-diskriminazzjoni kostituzzjonali timporta dejjem eżerċizzju ta' paragun bejn, almenu, żewġ gruppi ta' fatti jew ċirkostanzi, li jridu jiġu pruvati. Jiġifieri, iridu jiġu pruvati grupp ta' fatti li minnhom tillamenta r-rikorrenti - kommissjonijiet jew ommissjonijiet - fit-tratttament li hija rċeviet mingħand xi awtorita` - u dawn jiġu paragunati ma' grupp ta' fatti oħra pruvati, riferibbli għall-persuna jew persuni oħra, ta' kommissjonijiet jew ommisjonijiet ta' l-istess awtorita`;

Il-fatti tat-tieni grupp, li fil-każ preżenti, ġew avvanzati, biex jiġu paragunati mal-grupp ta' fatti li jinteressaw lir-rikorrenti, m'għandhomx l-istess sfond ta' riskontru. Difatti, l-ewwel grupp huwa intimament konness ma' l-allegati misfatti tar-rikorrenti fl-ambjenti ta' sptar pubbliku, waqt li dawk tat-tieni grupp kif allegati mill-istess rikorrent, m'għandhomx l-istess kwalifika. *Dan huwa* determinanti u deċiżiv għaliex il-motivazzjoni dixxiplinari ma jidhirx li tista' tiġi ekwiparata meta l-paragun isir b'riferenza għal dawk il-kontravvenzjonijiet ta' l-Estacode - riferiti distintament għaż-żewġ gruppi ta' fatti;

Barra dan, naturalment, jibqa' validu dak li osservat l-ewwel Onorabbli Qorti rigward iż-żmien li avverrat ruħha d-diskriminazzjoni a bażi ta' grupp ta' fatti posterjuri għall-grupp ta' fatti li tagħhom ir-rikorrenti ġiet investigata u dikjarata, bħala fatti, parteċipi ta' dawk il-fatti. Din il-Qorti tiddiskosta ruħha minn dak li qalet l-ewwel Qorti meta donnu irriteniet li n-nuqqas ta' esekuzzjoni ta' jew kompjiment ta' dover mill-Amministrazzjoni, ma jistax, fil-każijiet kongruwi, jikkostitwixxi trattament diskriminatorju, fil-ħsieb tal-Kostituzzjoni. Fil-każ preżenti dawk in-nuqqasijiet fid-doveri ta' l-Amministrazzjoni li tirreprimi kull irregolarita' amministrattiva, ma vvjolawx id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għaliex ma hemmx u ma kienx hemm it-termini neċessarji ta' paragun, ta' lok, żmien, funzjoni u importanza. L-apprezzament tal-fatturi kollha li jridu jiġu kunsidrati biex tiġi stabbilita l-vjolazzjoni ta' trattament diskriminatorju - kemm pożittiv kif ukoll negattiv, għandu jolqot ukoll, u neċessarjament, in-nuqqas ta' eżerċizzju ta' dover da parti ta' l-Eżekuttiv jew ta' l-Amministrazzjoni;

L-appell inċidentali fuq il-kap ta' l-ispejjeż, da parti ta' xi wħud mill-intimati, ma jistax jiġi milqugħ għas-sempliċi raġuni li anke jekk ir-rikors ġie miċħud, il-kwistjonijiet imqanqla minnu, kienu tali li fl-apprezzament ta' l-ewwel Qorti, ma kinux jiġġustifikaw l-akkollament ta' l-ispejjeż lir-rikorrenti; kif *del resto* taħseb ukoll, u se tagħmel l-istess, din il-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ma ssibx li l-appell tar-rikorrenti jista' jiġi milqugħ u għalhekk għal dawn ir-raġunijet, in aġġunta ma' dawk tas-sentenza appellata, l-appell huwa respint, u s-sentenza appellata hija, fit-termini imsemmija, konfermata u r-

rikors ta' l-appellanti jirriżulta inattendibbli;

Il-Qorti tħoss li għandha fiċ-ċirkostanzi, tagħmel monitu speċjali lil kull tribunal jew awtorita` ġudikanti li, minħabba dak li ntqal qabel, għandha timxi b'rigorożita` u preċiżjoni meta l-każ tar-rikorrenti jiġi eżaminat, b'finalita` ta' sanzjoni - liema finalita` ma kinitx teżisti fil-każ tal-Bord;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, fiċ-ċirkostanzi ta' dritt li ġie investit - għandhom jibqgħu bla taxxa għall-partijiet kollha.